**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 279/2019 MS*

**Aspider Solutions Malta Limited**

**Vs.**

**Redtouch Fone Limited**

Illum, 16 ta' Diċembru, 2024

Kawża Numru: 13

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fl-14 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu, wara li hija ppremettiet hekk:

> Illi s-socjeta attrici Aspider Solutions Malta Limited iffirmat kuntratt mas-socjeta konvenuta RedTouch Fone Limited fil-25 ta' Ottubru 2008 (vide d-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. A), sabiex l-isemmija socjeta attrici tipprovdi servizzi bhala '*Mobile*

*Virtual Network Enabler*' ('*MVNE*') u li tramite tali servizzi RedTouch Fone Limited setghet topera bhala entita li tipprovdi '*Public Available Telephone Services*'.

Illi s-socjeta attrici Aspider Solutions Malta Limited, sabiex tkun tista tipprovdi servizzi ta' *MVNE* ghandha bzonn is-servizzi ta' '*Wholesale Mobile Telecommunications Provider'*, li f'dan il-kaz hija s-socjeta Vodafone Malta Limited li qedgha taghti dawn is-servizzi lis-socjeta attrici.

Illi bhala rizultat ta dan il-ftehim bejn il-partijiet RedTouch Fone Limited bdiet tbiegh servizzi ta' telefonija cellulari fuq is-suq Malti u dan bhal kwalunkwe entita ohra li tipprovdi dawn is-servizzi.

Il-ftehim bejn il-partijiet jistipula l-kundizzjonijiet li bihom is-servizzi moghtija mis-socjeta attrici ghandhom ikun provduti. Min-naha taghha s-socjeta konvenuta ghandha thallas ghall-imsemmija servizzi bir-rati elenkati fis-Skeda B / II tal-kuntratt, liema rati huma maqsumin f'rati fissi kull xahar u rati varjabbli skond l-uzu tas-sevizzi mill-klijenti tas-socjeta konvenuta.

Illi t-terminu ta' dan il-ftehim huwa stipulat minn Klawsoli 16.1.2 u 16.1.3 li jiddikjaraw is-segwenti:

"*The Initial Term of this Agreement shall commence on the Service Effective Date and shall continue for an initial period of three (3) years (hereinafter 'Initial Term')*

*When the Initial term expires, this agreement shall be automatically and tacitly extended for consecutive periods of two (2) years each (an 'Extended Term'), unless either Party terminates the agreement* ***by giving prior notice at least 1 year prior to the expiration date of the Initial Term or an Extended Term**.*"

Illi, l-ahhar li gie eztiz t-terminu tal-ftehim bejn il-partijiet kien fil-25 ta' Ottubru 2017 u konsegwentament it-terminu tal-perjodu eztiz skond Klawsola 16.1.3 ghandhu jibqa ghaddej sal-25 ta'Ottubru 2019.

Illi fl-April 2018, is-Sur Jason Micallef, fil-kapacita tieghu bhala *Chief Executive Officer* u Direttur tas-socjeta Konvenuta nforma lis-socejta attrici, li RedTouch Fone Limited kienet ser ittermina s-servizzi taghha sall-ahhar ta's-sena kurrenti u cioe 2018;

Illi apparti l-fatt li terminazzjoni, skond Klawsola 16.1.3 tista issir biss wara l-iskadenza tat-terminu estiz ta sentejn,

demnt li ma jkunx hemm raguni valida skond Klawsola 16.2 (*Termination for Cause*) li tiggustifika terminazzjoni immedjata, t-terminazzjoni ghandha ssegwi l-procedura kif stipulata f'Klawsola 17.1:

"*In the event of termination of this Agreement and only where, MVNO does not intend to procure the services from a Third Party, MVNO agrees that it shall grant to the Wholesale Mobile Telecommunications Provider a right of first refusal to purchase and/or enter into any other commercial dealing in order to acquire all or part of the end-customer base of MVNO. MVNO will invite the Wholesale Mobile Telecommunications Provider on a right of first refusal basis to enter into negotiations, within (2) week, with it on a possible takeover of end customer agreements. If the Parties reach agreement within the said period, the procedure will end. Should no agreement be reached within the said two weeks MVNO shall be free to enter into negotiations with any third parties should it wish to do so. In any event prior to concluding a definitive agreement with the said third party, the MVNO will give the Wholesale Mobile Telecommunications Provider the opportunity to match the offer of this third party. For this purpose MVNO will inform Wholesale Mobile Telecommunications Provider of the essentials of the offer, and have this confirmed by means of an accountant's statement by a reputable accountant's firm in the European Union. If Wholesale Mobile Telecommunications Provider matches the offer on grounds of the preceding paragraph within two (2) weeks after receipt of the accountants' statement, MVNO shall be obliged to accept this offer of Wholesale Mobile Telecommunications Provider.*"

Illi ghalhekk s-socjeta konvenuta skond l-obbligi kuntrattwali taghha ma setghetx taqbad u ttermina il-ftehim b'mod unilaterali u f'guranta li taghzel hija stess. Apparti dan meta tinghata 'notice of termination' is-socjeta konvenuta hija obbligata tonera l-procedura ta'Klawsola 17.1.1. Dan ma sarx u f' April 2018 is-socjeta konvenuta ppretendiet li ttermina l-ftehim taghha fuq il-kundizzjonijiet li tiddetta hi u minghajr ma ssegwi l-procedura tal-Klawsola 17.1.1.

Illi s-socjeta attrici gabet dawn l-obbligi kuntrattwali a konjizzjoni tas-socjeta konvenuta, tramite korrispondenza bejn April u Gunju 2018. Illi sussegwentament is-socjeta attrici rrikonoxxiet li ghadha obbligu li tirrispetta dak li huwa stipulat f'Klawsola 17.1.1 u ghalhekk ikkoncediet li kellha taghti '*right of first refusal*' lil '*Wholesale Mobile*

*Telecommunications Provider'* li, kif gia spjegat hawn fuq, f'dan il-kaz hija s-socjeta Vodafone Malta Limited.

Illi minkejja dan is-socjeta konvenuta ma riditx taghti informazzjoni essenzjali sabiex Vodafone Malta Limited tkun tista tevalwa l-offerta li hija setghet taghti lil RedTouch Fone Limited. Is-socjeta konvenuta ppretendiet li Vodafone Malta Limited taghti offerta minghajr ma tkun taf certu informazzjoni kummercjali fuq liema tista tibbaza tali offerta. Sadanintant is-socjeta konvenuta kienet qed tinnegozzja ma entita ohra bi ksur ta' l-obbligi kuntrattwali li kellha mas-socjeta attrici.

Illi fil-10 ta'Ottubru 2018 is-socjeta konvenuta tat l-informazzjoni li kien hemm bzonn u kien miftiehem ukoll li t-terminu ta'gimghatejn f'Klawsola 17.1.1 ghandu jibda jidderkorri minn dakinhar. Konsegwentament Vodafone Malta Limited ghamlet offerta, liema offerta ma kienitx giet accettata mis-socjeta konvenuta. Minkejja dan is-socjeta attrici wissiet li ghalkemm dan kien dritt taghha u ghalhekk setghet tinnegozja ma entitajiet terzi, hija xorta wahda kellha taghti d-dritt li Vodafone Malta Limited sabiex tqabbel u toffri l-istess offerta li socjeta konvenuta rceviet minn entita terza.

Illi s-socjeta konvenuta pprocediet tinnegozja ma entita terza u fil-21 ta'Novembru ssostomettiet lis-socjeta attrici l-offerta li kienet irceviet. Sadanitant Vodafone Malta Limited assenjat id-drittijiet taghha lis-socjeta attrici.

Bid-drittijiet li Vodafone Malta Limited assenjat lis-socjeta attrici, Aspider Solutions Malta Limited, permezz ta'ittra datata 4 ta' Dicembru 2018 offriet li taghti lis-socjeta konevnuta l-istess offerta li rceviet minn entita terza u dan ai termini tal-Klawsola 17.1.1. Permezz ta'ittra datata 11 ta' Dicembru 2018 is-socjeta konvenuta rrifjutat li taccetta l-offerta tas-socjeta attrici u dan bi ksur tal-obbligi taghha kuntrattwali.

Illi sussegwentament is-socjeta attrici bdiet tezegwixxi l-ftehim il-gdid taghha billi titrasferixxi l-klijenti taghha lil entita terza u dan a dannu tas-socjeta attrici. Barra minn dan is-socjeta konvenuta nfurmat lil Awtorita Maltija tal-Kommunikazzjoni, minghajr ma kkonsultat mas-socjeta attrici, li ser twaqqaf is-servizzi ta'telefonija fit-30 ta'marzu 2018 u dan sitt xhur shah qabel ma jiskadi t-terminu kuntrattwali.

għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara illi RedTouch Fone Limited kellha l-obbligu li ttermina s-servizzi fl-iskadenza ta' terminu u cioe fil-25 ta'Ottrubru 2019 u mhux fit-30 ta'Marzu 2019 u dan skond skond il-ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008;

2) Tiddikjara li RedTouch Fone Limited hija responsabbli sabiex thallas it-tarrifi kollha li kienu jkunu dovuti skond Skeda B tal- ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008, ghal zmien bejn it-30 ta' Marzu 2019 u l-25 ta'Ottubru 2019;

3) Tordna lis-socjeta RedTouch Fone Limited sabiex thallas lil Aspider Solutions Malta Limited it-tarrifi kollha li kienu jkunu dovuti skond Skeda B tal- ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008, ghal zmien bejn it-30 ta' Marzu 2019 u l-25 ta'Ottubru 2019;

4) Tiddikjara illi RedTouch Fone Limited hija responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-Aspider Solutions Malta Limited, minhabba nuqqas ta'osservanza ta' l-obbligi skond Klawsola 17.1.1 tal-ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008

5) Tillikwida d-danni sofferti Aspider Solutions Malta Limited, minhabba l-ksur ta'obbligi minn naha ta'RedTouch Fone Limited;

6) Tikkundanna lil RedTouch Fone Limited thallas lil Aspider Solutions Malta Limited d-danni u t-tarrifi li huma dovuti skond ftehim datat 25 ta' Ottubru 2008.

   Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fid-29 t'April 2019[1], li permezz tagħha ġie eċċepit kif ġej:

   1. ILLI s-soċjeta' esponenti taqbel mal-ewwel, mat-tieni, mat-tielet, mar-raba, mal-ħames u mas-sitt premessa;

   2. ILLI fir-rigward tas-seba' premessa u dejjem mingħajr pregudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi kienet ġiet infurmata mid-direttur tas-soċjeta' Konvenuta li din tal-ahhar kienet ser tittermina s-servizz tagħha u dan skont kif seħħew kronoloġikament il-fatti, u cioe' skont s-segwenti:

[1] Fol.62.

i. fl-20 ta' Marzu 2018, kienet saret laqgħa li għaliha kienu preżenti rappreżentant tas-soċjeta' Konvenuta u s-sur Charles Gauci għan-nom tas- soċjeta' attriċi, fejn speċifikatament ġiet diskussa t-terminazzjoni tal-kuntratt fejn ġie maqbul li preferibbliment kellha ssir fis-Sajf jew f'Ottubru ta' wara. In vista ta' din il-laqgħa, rappreżentant tas-soċjeta' Attriċi, fl-istess ġurnata u cioe' fl-20 ta' Marzu 2018, kien bagħat bil-miktub il-pre-avviż rikjest (skont il-klawsola numru 16.1.3) rigwardanti t-terminazzjoni permezz ta' *e-mail,* u cioe' li d-deċiżjoni li jiġi terminat il-kuntratt kienet waħda finali;
ii. in vista ta' dan il-pre-avviż, fil-21 ta' Marzu 2018, Sally Rutter min-naħa tas- soċjeta' Attriċi, permezz ta' *e-mail* formali rrikonoxxiet u aċċettat id-deċiżjoni tas-soċjeta' Konvenuta li l-kuntratt jiġi effettivament itterminat.
U dan kollu kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża;

3. ILLI fir-rigward tat-tmien premessa s-soċjeta' konvenuta taqbel li t-terminazzjoni għandha ssegwi l-proċedura kif kontemplata fi klawsola 17.1;

4. ILLI s-soċjeta' konvenuta ma' taqbilx ma dak premess mis-soċjeta' attriċi fir-rigward tad-disa' premessa, u cioe' li l-proċedura stipulata ma ġietx segwita, tant illi fl- għaxar premessi s-soċjeta' attriċi tgħid li s-soċjeta' konvenuta *"kkonċediet li kellha tagħti 'right of first refusal"* u percio din hija minnha nniffisha amissjoni li l- proċedura saret kif stipulat fil-kuntratt;

5. ILLI mhux minu dak premess fil-ħdax -il premessa, u cioe' li s-soċjeta' konvenuta ma riditx tagħti informazzjoni li kienet meħtieġa sabiex Vodafone Malta Limited tkun tista' tagħmel l-offerta a bażi tal-klawżola 17.1.1;

6. ILLI fir-rigward tat-tnax -il premessa, s-soċjeta' konvenuta tikkontendi li Vodafone Malta Limited nonostante li ġie debitament mgħarrfa bl-informazzjoni meħtieġa, din qatt ma' għamlet offerta skont il-klawżola 17.1.1;

7. ILLI fil-fatt is-soċjeta' konvenuta pproċediet biex tinnegozja ma' entita' terza, kif kellha kull dritt li tagħmel, u in vista tal-istess negozjati s-soċjeta' konvenuta ssottomettiet lis-socjeta' Vodafone Malta Limited l-offerta li l-esponenti kienet irċeviet mingħand l-entita' terza, u dana sabiex is-soċjeta' Vodafone Malta Limited tkun tista' tqabbel l-offerta', u dan kollu a tenur ta' dak stipulat fi klawsola numru 17.1.1 u cioe' *"r-right of first refusal"*;

8. ILLI madanakollu għalkemm Vodafone Malta Limited ġie debitament notifikata bl- offerta' li s-soċjeta' konvenuta

kienet irċeviet mingħand l-entita' terza, Vodafone Malta Limited, qatt ma kkomunikat mas-soċjeta' konvenuta li hija kienet qed tqabbel din l-offerta';

9. ILLI dejjem mingħajr pregudizzju għas-suespost u fir-rigward tat-tlettax u l-erbatax -il premessa s-soċjeta' Konvenuta tirrileva li skont il-kuntratt *de* quo, Vodafone Malta Limited ma kellhiex il-jedd li tassenja d-drittijiet tagħha lis-soċjeta' Attriċi u jekk għamlet dan, dan sar fl-ewwel lok bi ksur tal-kuntratt u fit-tieni lok u s-soċjeta' konvenuta tikkontendi li s-soċjeta' Attriċi ma tikkwalifikax bħala *Wholesale Mobile Telecommunications Provider* ai termini tal-kuntratt *de quo* u lanqas għandha liċenzja neċessarja skont il-Liġi Maltija sabiex toffri *mobile telephony services to the public,* tant li kieku kien hekk, kieku *ab initio* ma' kienx ikun hemm il-ħtieġa tas- soċjeta' Vodafone Malta Limited, u prova tal-kuntrarju tinkombi unikament fuq is-soċjeta' attriċi;

10. ILLI dejjem mingħajr pregudizzju għas-suespost, dwar il-ħmistax -il premessa, is- soċjeta' Konvenuta tikkontendi li hija bl-ebda mod ma kisret xi obbligu u/jew kundizzjoni stipulata fil-kuntratt ta' bejn il-Partijiet, u għaldaqstant l-allegazzjoni tas-soċjeta' Attriċi li hija setgħet b'xi mod sofriet danni hija għal kollox infondata fil- fatt u fid-dritt;

11. ILLI finalment u dejjem mingħajr pregudizzju, fl-ewwel lok is-soċjeta' konvenuta teċċepixxi li s-soċjeta' attriċi kienet għarrfet lis-soċjeta' konvenuta permezz ta' Ittra datata 18 ta' Jannar 2019 li kienet qed tittermina l-kuntratt *de quo* u għalhekk it- talba tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tat-tariffi li talvolta jistgħu jkunu dovuti skond Skeda B tal-ftehim tal-25 ta' Ottubru 2008, għall-perjodu bejn it-30 ta' Marzu 2019 u l-25 ta' Ottubru 2019 hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt;

12. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

5. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi b'din il-kawża l-attriċi trid li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas tariffi u danni skont kuntratt datat 25 t'Ottubru 2008.

8. Fil-25 t'Ottubru 2008, il-kontendenti ffirmaw kuntratt (minn issa 'l quddiem se ssir riferenza għalih biss bħala «il-Kuntratt»)[2] li bih l-attriċi ntrabtet li tipprovdi lill-konvenuti servizzi ta' *mobile virtual network enabler*, b'liema servizzi l-konvenuta setgħet topera bħala entità li tipprovdi servizzi ta' telefonija lill-pubbliku.

9. L-attriċi tgħid li sabiex hija tkun tista' tipprovdi dawn ix-xorta ta' servizzi lill-klijenti tagħha, hija teħtieġ is-servizzi ta' *wholesale mobile telecommunications provider*, u għalhekk kienet inkarigat lill-kumpanija Vodafone plc[3].

10. Fil-Kuntratt ġie miftiehem li t-terminu ta' validità tal-ftehim kellu jkun tliet snin, b'dan illi l-ftehim jiġi prorogat taċitament u awtomatikament għal perijodi konsekuttivi ta' sentejn sakemm xi ħadd mill-kontraenti ma jagħtix avviż mhux inqas minn sena qabel l-iskadenza tal-perijodu li jkun għaddej. Jidher fil-fatt li l-ftehim baqa' jiġġedded, u l-aħħar darba li ġġedded kien fil-25 t'Ottubru 2017, bil-konsegwenza li l-ftehim b'hekk kiseb żmien ulterjuri ta' sentejn.

11. Ta' mportanza wkoll għall-meritu ta' din il-kawża huwa dak li ġie miftiehem fil-klawsola 17.1.1 tal-Kuntratt:

> In the event of a termination of this Agreement and only where, MVNO[4] does not intend to procure the Services from a Third Party, MVNO agrees that it shall grant to the Wholesale Mobile Telecommunications Provider a right of first refusal to purchase and/or enter into any other commercial dealing in order to acquire all or part of the end-customer base of MVNO. MVNO will invite the Wholesale Mobile Telecommunications Provider on a right of first refusal basis to enter into negotiations, within two (2) week, with it on a possible takeover of end-customer agreements. If the Parties reach agreement within the said period, the

[2] Fol.8.
[3] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Marco Krouwel, a fol.168.
[4] Il-konvenuta.

> procedure will end. Should no agreement be reached within the said two weeks MVNO shall be free to enter into negotiations with any third parties should it wish to do so. In any event prior to concluding a definitive agreement with the said third party, the MVNO will give the Wholesale Mobile Telecommunications Provider the opportunity to match the offer of this third party. For this purpose MVNO will inform Wholesale Mobile Telecommunications Provider of the essentials of the offer, and have this confirmed by means of an accountant's statement by a reputable accountant's firm in the European Union. If Wholesale Mobile Telecommunications Provider matches the offer on the grounds of the preceding paragraph within two (2) weeks after receipt of the accountants' statement, MVNO shall be obliged to accept this offer of Wholesale Mobile Telecommunications Provider.

12. Jidher li dan il-patt iddaħħal fil-Kuntratt sabiex l-attriċi tonora obbligazzjoni assunta minnha favur Vodafone Malta Limited permezz ta' ftehim datat 28 ta' Marzu 2008[5], li bih hija ntrabtet li f'kull ftehim ma' klijenti tagħha tinserixxi jedd tal-ewwel rifjut favur Vodafone Malta Limited[6].

13. F'April 2018, il-konvenuta – permezz tal-kap uffiċċjal eżekuttiv tagħha Jason Micallef – avżat lill-attriċi li hija kienet se tittermina s-servizzi tagħha sa l-aħħar tas-sena elfejn u tmintax. Jidher li nżammet laqgħa bejn Jason Micallef, rappreżentant tal-konvenuta, u Charles Gauci, rappreżentant tal-attriċi, fl-20 ta' Marzu 2018, fejn il-konvenuta kkomunikat verbalment ix-xewqa tagħha li tittermina l-Kuntratt, kif ukoll ix-xewqa tagħha li t-terminazzjoni sseħħ fis-sajf ta' dik is-sena jew f'Ottubru[7]. Fl-istess jum, kien hemm skambji oħrajn bil-posta elettronika li bihom il-konvenuta kkonfermat l-intenzjoni tagħha li tittermina[8].

14. Il-konvenuta tgħid li wara din il-laqgħa u l-iskambju msemmi, l-attriċi għamlet xi proposti dwar it-terminazzjoni tal-Kuntratt. F'dawn il-proposti, l-attriċi kienet qed tgħid lill-konvenuta li t-terminazzjoni tal-Kuntratt kien se jwassal biex il-konvenuta tħallas lill-attriċi l-ammont totali ta' €196,939.60 sal-25 t'Ottubru 2019. Fi proposta

[5] Fol.296.
[6] Ara partikolarment il-klawsola numerata 6.4 ta' dak il-ftehim, a fol.306.
[7] Fol.910.
[8] Fol.907-908.

minnhom, l-attriċi offriet li taħfer dan l-ammont in kontrokambju tat-trasferiment tal-azjenda tal-konvenuta[9]. Dawn il-proposti ma ġewx aċċettati mill-konvenuta[10].

15. B'ittra datata 18 ta' Settembru 2018 mibgħuta mill-avukat tagħha, l-attriċi sostniet li t-terminazzjoni għandha ssir skont kif miftiehem fil-Kuntratt[11].

16. L-attriċi bdiet titlob tagħrif finanzjarju mingħand il-konvenuta[12], u wara xi kontestazzjoni dwar in-neċessità li dan it-tagħrif jiġi mgħoddi, jidher li l-istess ingħata. Dan wassal biex l-attriċi, fil-25 t'Ottubru 2018[13], tagħmel offerta għall-akkwist tal-azjenda tal-konvenuta bil-prezz ta' €55,000, liema offerta saret minnha kif awtorizzata minn Vodafone Malta Limited. Din l-offerta ġiet rifjutata mill-konvenuta fis-26 t'Ottubru 2018[14]. B'danakollu l-attriċi tgħid li l-konvenuta, f'dan il-perijodu, diġà kienet qed tinnegozja ma' terzi, u dan bi ksur tal-kuntratt[15].

17. F'kull każ, jirriżulta li b'ittra datata 21 ta' Novembru 2018 il-konvenuta avżat lill-attriċi li kienet waslet fi ftehim ma' terzi.

18. B'ittra datata 3 ta' Diċembru 2018[16], il-kumpanija Vodafone Malta Limited kitbet li assenjat lill-attriċi d-drittijiet tagħha taħt il-Kuntratt[17]. Il-konvenuta ġiet infurmata b'dan mill-attriċi b'ittra tal-4 ta' Diċembru 2018[18]. Fl-istess ittra, l-attriċi avżat lill-konvenuta li kienet lesta biex tqabbel l-offerta magħmula lill-konvenuta minn terzi għall-akkwist tal-azjenda tagħha. Iżda b'ittra datata 11 ta' Diċembru 2018, il-konvenuta rrifjutat l-offerta tal-attriċi u minflok bdiet tittrasferixxi l-klijenti tagħha lil kumpanija oħra[19], li kienet Melita Limited[20]. Jidher li r-rifjut tal-konvenuta kien radikat fuq l-asserzjoni tagħha li l-attriċi ma setgħetx tikseb il-jeddijiet ta' Vodafone Malta Limited, kif ukoll li l-attriċi ma kellhiex il-liċenzi neċessarji sabiex tikseb l-azjenda tal-

[9] Fol.918-919.
[10] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Jason Micallef, a fol.902.
[11] Fol.809.
[12] Fol.80-81.
[13] Fol.82.
[14] Fol.82A.
[15] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Marco Krouwel, a fol.169.
[16] Fol.53.
[17] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Luis Carrera, a fol.778.
[18] Fol.83.
[19] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Johannes Cornelis Mooijman, a fol.217.
[20] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Marco Krouwel, a fol.170.

konvenuta[21]. Sadanittant, fix-xahar ta' Diċembru 2018 il-konvenuta bdiet tagħmel reklamar fil-pubbliku biex tħajjar lill-klijenti tagħha jkomplu s-servizz bl-involviment ta' Melita Limited. Il-klijenti kollha tal-konvenuta kienu trasferiti sa l-aħħar ta' Marzu 2019[22]. Il-klijenti ma ġewx imġiegħla jkomplu s-servizz tagħhom ma' Melita Limited, iżda ingħataw għażla[23]. Il-konvenuta kkonkludiet il-ftehim tagħha ma' Melita Limited fil-15 ta' Jannar 2019[24].

19. Fil-fatt irriżulta li l-attriċi ma kinitx liċenzjata jew awtorizzata biex topera bħala *wholesale mobile telecommunications provider*[25]. Hija kienet liċenzjata biex tipprovdi *public communication network* mill-Awtorità ta' Malta għall-Kommunikazzjoni[26].

20. Fit-18 ta' Jannar 2019[27], l-attriċi kitbet lill-konvenuta permezz tal-avukat tagħha billi qaltilha: «*Aspider renews its position that RTF is in clear breach of its contractual obligations as detailed in its previous correspondence. It is therefore invoking Clause 16.2.1 for the immediate termination of the agreement and services rendered. Even though the said clause allows RTF a 90-day period to remedy the breach, your client has already caused irredeemable damages which cannot be rectified in the abovementioned period as customers have already started porting out to a Third Party Wholesale Telecommunications Provider. In view of this fact the 90-day period is redundant and not applicable further*». B'danakollu ftit jiem wara, b'ittra tal-24 ta' Jannar 2019[28], l-avukat tal-attriċi sostna li: «*Firstly, let me point out that my client has not invoked termination of the service agreement...*».

21. L-attriċi qiegħda tippretendi li l-konvenuta tħallasha bħala danni s-somma ta' €378,060, li hija tgħid li tirrappreżenta d-dħul[29] imtellef lilha b'konsegwenza tal-fatt li l-

[21] Fol.205, li hija ittra risponsiva tal-avukat tal-attriċi għall-ittra ta' rifjut mingħand l-avukat tal-konvenuta, u li taċċenna għar-raġunijiet għal dak ir-rifjut.
[22] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Christian Briffa, a fol.829.
[23] Ara x-xiehda ta' Jason Micallef, a fol.841.
[24] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Jason Micallef, a fol.952.
[25] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Johannes Mooijman, a fol.289.
[26] Fol.772. Ara wkoll ix-xiehda ta' David Pisani, a fol.865.
[27] Fol.933.
[28] Fol.934.
[29] Mhux il-qligħ – kif spjegat minn Johannes Mooijman waqt il-kontro-eżami tiegħu, a fol.291. Dak li l-attriċi kienet qed tħallas lil Vodafone Malta Limited b'rabta mas-servizzi li kienet qed tieħu l-konvenuta jirriżulta mill-fatturi li jinsabu eżebiti minn fol.754-768.

konvenuta tterminat il-kuntratt b'mod prematur u konsegwentement abbużiv[30]. Ġie spjegat illi dan l-ammont jikkomprendi *service charges* u *airtime charges* għax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2019, u ċjoè sakemm l-attriċi tterminat is-servizz fit-30 ta' Marzu 2019 wara li l-konvenuta nvolviet lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Il-bqija tal-ammont mitlub jirrappreżenta r-rati dovuti skont il-Kuntratt sal-25 t'Ottubru 2019, u ċjoè saż-żmien li fih suppost intemm il-Kuntratt[31]. Din is-somma nħadmet fuq medja ta' perijodu ta' tliet xhur (Settembru sa Novembru 2018) li fihom il-konvenut tassew inkorriet dawn l-ispejjeż billi kienet qed topera bil-livelli soliti tan-negozju tagħha[32]. Irriżulta mill-provi li l-ħlas dovut mill-konvenuta lill-attriċi kellu element fiss u ieħor varjabbli[33]. Il-konvenuta kienet tħallas lill-attriċi rata fissa irrispettivament min-numru ta' *subscribers* li jkollha[34]. L-element varjabbli kien jiddependi mill-użu li kien isir mil-linji ndividwali[35]. Il-pretensjoni ta' danni mġarrba minħabba nuqqas ta' qligħ ġiet riveduta mill-attriċi fil-mori tal-kawża għaċ-ċifra ta' €189,811[36], anki minħabba ċertu ħlasijiet li saru mill-konvenuta fil-frattemp. Fil-fatt il-konvenuta sostniet li hija dejjem ħallset il-*fixed costs* sal-aħħar tal-Kuntratt[37], u ċjoè sal-25 t'Ottubru 2019, kif fatturati mill-attriċi[38].

22. Ġie spjegat li *airtime fees* jirreferu għall-użu li jsir mill-klijenti tal-konvenuta minn żmien għal żmien, filwaqt li *service fees* jinkludu kemm *management fees* li jkunu l-istess kull xahar kif ukoll *operational fee* li tiddependi min-numru ta' klijenti (ossia *subscribers*) li l-konvenuta jkollha minn żmien għal żmien[39].

Ikkunsidrat:

23. Illi essenzjalment l-attriċi tixli lill-konvenuta b'żewġ fatti distinti li skontha jikkostitwixxu ksur tal-Kuntratt min-naħa tal-konvenuta. L-ewwel fatt huwa l-mod

---

[30] Ara l-prospett eżebit a fol.212, kif ukoll il-fatturi eżebiti mill-attriċi minn fol.113-162.
[31] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Marco Krouwel, a fol.171.
[32] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Christian Briffa, a fol.747.
[33] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Luis Carrera, a fol.776.
[34] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Marco Krouwel fis-seduta quddiem l-assistant ġudizzjarju fit-13 ta' Novembru 2020.
[35] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Johannes Mooijman, a fol.282.
[36] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Christian Briffa, a fol.747, kif ukoll il-prospett eżebit a fol.752.
[37] Fol.853, 855, 859 u 862.
[38] Ara x-xiehda ta' Roberto Francalanza, a fol.849.
[39] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Christian Briffa, a fol.823.

prematur kif il-konvenuta tterminat il-Kuntratt. It-tieni fatt huwa l-vjolazzjoni tal-obbligu tal-konvenuta li tirrispetta l-jedd tal-ewwel rifjut pattwit fil-Kuntratt.

24. Nibdew billi nqisu l-ewwel xilja.

25. Il-klawsoli numerati 16.1.2 u 16.1.3 tal-Kuntratt jgħidu hekk:

> 16.1.2 The Initial Term of this Agreement shall commence on the Service Effective Date and shall continue for an initial period of three (3) years (hereinafter "*Initial Term*").
>
> 16.1.3 When the Initial Term expires, this Agreement shall be automatically and tacitly extended for consecutive periods of two (2) years each (an "Extended Term"), unless either Party terminates the agreement by giving prior written notice at least 1 year prior to the expiration date of the Initial Term or an Extended Term.

26. Ma jkunx inopportun li jiġi mtenni li hija regola ewlenija u sagrosanta tal-liġi li tirregola l-kuntratti li l-ftehim konkluż mill-kontraenti huwa liġi għalihom. Fil-fatt l-artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid bl-aktar mod ċar: «*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom*». Dispożizzjoni din li tirrifletti r-regola mnissla sa mid-Dritt Ruman li *pacta sunt servanda* (ara f'dan is-sens ***Topserv Limited vs. Edwin Vella***, Appell Inferjuri, 17 ta' Frar 2003; kif ukoll ***Gloria mart Jonathan Beacom et vs. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines***, Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 1998[40]).

27. Regola oħra mportanti u ta' sempliċità kbira hija dik kontenuta fl-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoè li: «*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni*».

28. Applikati dawn ir-regoli għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti, huwa evidenti li l-kontraenti tal-Kuntratt ftehmu illi t-terminu tiegħu jibqa' jiġġedded dejjem u b'mod awtomatiku mingħajr il-ħtieġa tal-manifestazzjoni tar-rieda tagħhom fir-rigward ta' kull okkażjoni ta' tiġdid. Anzi, l-kontraenti ftehmu li l-manifestazzjoni ta' dik ir-rieda b'mod

[40] Kollezz. Vol.LXXXII.ii.441.

estern kienet meħtieġa biss fejn xi ħadd minnhom ma riedx illi l-Kuntratt jerġa jiġġedded. Fi kliem ieħor, biex xi ħadd mill-kontraenti jwaqqaf il-Kuntratt milli jerġa jiġġedded, kellu javża lill-kontraent l-ieħor mhux aktar tard minn sena qabel l-iskadenza tat-terminu kontrattwali li jkun għaddej f'dak il-mument. L-avviż ta' terminazzjoni għalhekk ġie mill-kontraenti mogħti l-effett li jwaqqaf tiġdid ulterjuri, iżda ma ngħatax l-effett li jqassar jew iġib fix-xejn it-terminu li jkun għaddej f'dak il-mument. Dan għalhekk ifisser li l-attriċi għandha raġun tgħid li l-Kuntratt ma kellux jispiċċa ħlief fil-25 t'Ottubru 2019.

29. Il-konvenuta iżda tgħid li l-Kuntratt ġie terminat mill-attriċi wkoll, bl-ittra tal-avukat tagħha datata 18 ta' Jannar 2019.

30. Huwa minnu li f'din l-ittra, l-attriċi tgħid li kienet qed tittermina l-Kuntratt bis-saħħa ta' dak li tipprovdi l-klawsola 16.2.1. B'ittra sussegwenti, l-attriċi mbagħad tekwivoka dwar din id-deċiżjoni tagħha.

31. Il-Qorti iżda tqis li l-effett tal-ittra tat-18 ta' Jannar 2019 huwa irrilevanti għal din il-kawża. Fuq kollox, l-attriċi f'dik l-ittra tgħid li kienet qed teżerċita d-dritt tagħha li tittermina l-Kuntratt minħabba ksur li hija kienet qed tattribwixxi lill-konvenuta. Għalhekk, anki jekk l-attriċi tassew itterminat il-Kuntratt minħabba ksur tiegħu mill-konvenuta, il-konvenuta xorta waħda tibqa' passibbli għad-danni, kif inhu hekk passibbli kull min jivvjola l-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu. Għalhekk it-terminazzjoni invokata mill-konvenuta ma taffettwax il-kondizzjoni ġuridika tal-attriċi – jekk it-terminazzjoni hija effettiva, mela din seħħet għaliex il-kuntratt inkiser minnha u hija responsabbli xorta għad-danni. Jekk il-konvenuta ma kisritx il-Kuntratt kif qalet l-attriċi u b'hekk it-terminazzjoni magħmula bl-ittra tat-18 ta' Jannar 2019 mhux effettiva, mela allura l-Kuntratt baqa' għaddej xorta waħda u l-konvenuta baqgħet dejjem fl-obbligu li tosservah sal-aħħar.

32. F'kull każ, il-Kuntratt huwa wieħed bilaterali u għalhekk kif ġie deċiż diversi drabi minn dawn il-Qrati, ix-xoljiment tiegħu ma jistax ikollu effett bl-espressjoni unilaterali tar-rieda ta' waħda mill-partijiet, iżda tinneċessita l-intervent tal-Qorti. «*Ir-regola ġenerali li tirregola l-kuntratti* ***ma tippermettix it-terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt minħabba inadempjenza****, iżda tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tagħti żmien raġjonevoli lid-*

*debitur li jissodisfa l-mora. F'materja kummerċjali, din ir-regola hija varjata fis-sens li l-Qorti m'għandiex din id-diskrezzjoni iżda għandha tħoll il-kuntratt.* ***F'kull każ, iżda hija l-Qorti li tippronunzja x-xoljiment tal-kuntratt***» (***St. Andrew's Farm and Building Company Limited vs. Henry Sultana***, Prim'Awla, 26 t'April 2002). Hekk ukoll: «*Fil-każ ta' kundizzjoni riżoluttiva espressa, il-Qorti ma tagħtix żmien lill-parti inadempjenti biex tispurga n-nuqqas tagħha. Fejn invece il-kundizzjoni riżoluttiva m'hijiex espressa imma waħda taċita f'dan il-każ il-kuntratt ma jinħallx ipso jure.* ***Madanakollu, fiż-żewġ każi huwa meħtieġ li r-riżoluzzjoni tintalab b`talba ad hoc u li din tiġi akkolta***» (***Francis Abela et vs. Karl Bonello nomine***, Appell Superjuri, 31 ta' Mejju 2002). Dan il-prinċipju ilu jiġi applikat fl-ordinament ġuridiku tagħna għal diversi snin, tant li wieħed isib din l-applikazzjoni anke f'deċiżjoni li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 1870 fl-ismijiet ***Commte Fedele Grima vs. Francesco Le Brun***[41] (ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza hawn fuq imsemmija ***Abela et vs. Bonello noe***), fejn intqal li «*Che sebbene secondo il detto art. 773 quando la condizione risolutiva è espressa, il contratto, verificata la condizione, si scioglie ipso jure, a differenza del caso, in cui la condizione fosse sottointesa ed in cui la risoluzione non succede ipso jure, pure tra gli effetti dell' una e dell' altra condizione in sostanza non vi sarebbe altra differenza, che nel primo caso la Corte non può accordare alcuna dilazione, nel mentre che nell' altro caso può accordare una moderata dilazione, in modo che* ***tanto nell' uno che nell' altro caso, come evidentemente dimostrano i termini dei menzionati articoli, e' necessario che la risoluzione sia giudizialmente domandata – e quindi dalla Corte dichiarata***» (enfażi miżjud). Ferm aktar riċentement, din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata mill-ġdid. Issir riferenza għall-kawża ***George Vella et vs. Simon sive Xmun Azzopardi et*** (Appell Superjuri, 6 t'Ottubru 2020), u għall-ġurisprudenza ċitata hemmhekk.

33. Għalhekk l-ittra mibgħuta mill-attriċi fit-18 ta' Jannar 2019 ma ħelsitx lill-konvenuta mir-rabtiet kontrattwali tagħha, li kellhom jiskadu fil-25 t'Ottubru 2019.

34. Il-konvenuta tgħid ukoll li hija ottemporat ruħha mal-obbligazzjonijiet tagħha sal-25 t'Ottubru 2019, billi ħallset lill-attriċi l-ammonti fissi kollha li kienu dovuti lilha sa dakinhar. Tgħid li hija ma kellhiex obbligu li tħallas l-ammonti varjabbli dovuti skont

---

[41] Kollezz. Vol.V.413.

il-Kuntratt, billi dawn ikunu dovuti biss kemm-il darba l-konvenuta jkollha klijenti, u hija ma kellha ebda obbligu li żżomm klijenti.

35. Huwa minnu li skont il-Kuntratt, il-konvenuta ma kinitx marbuta li żżomm numru minimu ta' klijenti, jew *subscribers*, bil-konsegwenza li kien possibbli li għal xi żmien partikolari fejn ma jkunx hemm klijenti, l-konvenuta ma jkollha ebda ħlas x'tagħmel lill-attriċi fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet varjabbli miftehma fil-Kuntratt.

36. Iżda l-Qorti trid tfakkar lill-konvenuta li, skont l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili:

> Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.

37. Kif sewwa osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Patrick Staines noe vs. L-Avukat Godfrey Gauci Maistre noe*** (18 ta' Jannar 2006): «*Hi disposizzjoni ferm għaqlija dik dettata fl-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li trid li l-kuntratti ta' ftehim jiġu esegwiti bil-bona fidi. Din timporta li kull parti, b'impenn, tesegwixxi dawk ir-regoli ta' kondotta idonei biex jippreżervaw l-interessi tal-parti l-oħra*». Din il-Qorti tikkondividi wkoll il-ħsieb espost fid-deċiżjoni ***Carmelo Bonello et vs. Concetta sive Connie Farrugia*** (Appell Inferjuri, 28 ta' Frar 2007) kif ġej:

> Il-"bwona fede" ma għandhiex biss valur merament teoriku. Din, anzi, għandha, f'sens oġġettiv, tkun intiża bħala regola komportamentali ta' raġonevolezza u, fuq kollox, ta' lealta u ta' korrettezza. B'mod ġenerali tikkostitwixxi prinċipju etiku-ġuridiku fl-eżerċizzju tad-drittijiet. Hekk kif eżemplarment espress fl-Artikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili Svizzeru, "kull wieħed fl-eżerċizzju tad-drittijiet proprji u fl-adempiment ta' l-obbligazzjonijiet tiegħu għandu jġib ruħu bil-bwona fede". Espress f' dawn it-termini l-prinċipju tal-bwona fede jimponi limitu fl-eżerċizzju tad-drittijiet. Dan kemm għaliex għall-pretendent tad-dritt f'rapport ma' ħaddieħor il-bwona fede tirrappreżenta l-metru ta' mġieba, kif ukoll hi kejl siewi ta' valutazzjoni mill-ġudikant

38. Kif tifhimha din il-Qorti, l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili jeżiġi li kull parti f'kuntratt iġġib ruħha b'mod li jkun konsistenti mad-dmirijiet assunti minnha, b'ħarsien anki lejn

il-preservazzjoni tal-interessi u tal-jeddijiet tal-kontraent l-ieħor. Il-vinkolu kontrattwali li l-kontraenti joħolqu bejniethom permezz tar-rieda ħielsa tagħhom jinneċessita li entrambi jikkonduċu ruħhom b'lealtà u b'korrettezza lejn xulxin. Ħadd ma huwa mistenni li jaġixxi b'mod li huwa kuntrarju għall-interessi proprji. Però kulħadd huwa mistenni li jwettaq id-dmirijiet li jassumi, u t-twettiq ta' dak id-dmir ma jistax ħlief jitqies bħala l-interess tal-parti l-oħra fil-kuntratt. Għalhekk l-eżekuzzjoni ta' kuntratt *in bona fidei* isseħħ kull meta l-parti obbligata tieħu ħsieb teżegwixxi d-dmirijiet tagħha skont il-kuntratt b'mod li jkun utili u ta' benefiċċju lill-kontraent l-ieħor. Kif fisser ***Ruta*** fil-ktieb tiegħu *La Buona Fede e le sue applicazioni nel Diritto Civile Italiano* (Catania, 1899): «*La buona fede appresa in senso lato, sia morale che giuridico, significa l'adempimento scrupoloso del proprio dovere in rapporto col suo simile ed anche l'interna sicurezza dell'animo di esser lontano da qualunque sospetto d'inganno*»[42].

39. L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-każ tagħna jwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li l-konvenuta naqset milli timxi bil-grad ta' *bona fidei* neċessarju meta waslet biex tittermina l-Kuntratt. Kif intqal, il-konvenuta kienet fid-dritt tagħha li tipprevjeni t-tiġdid ulterjuri tal-Kuntratt. Iżda la l-Kuntratt kien laħaq iġġedded sal-25 t'Ottubru 2019, il-konvenuta kienet fid-dmir li teżegwixxi l-Kuntratt *in bona fidei* sa dakinhar.

40. Minflok il-konvenuta għażlet li żżarma n-negozju tagħha u twaqqaf is-servizz tal-attriċi sal-aħħar ta' Marzu 2019, u ċjoè kważi seba' xhur sħaħ qabel l-iskadenza kontrattwali. Dan naturalment sarraf f'telf finanzjarju għall-attriċi.

41. Il-Qorti jidhrilha li l-metru tal-*bona fidei* kien jeżiġi li l-konvenuta torbot l-għeluq tan-negozju tagħha mal-attriċi mat-terminu kontrattwali. Fi kliem ieħor, la l-Kuntratt kien jiskadi fil-25 t'Ottubru 2019, il-konvenuta kienet mistennija li tikkordina l-għeluq u t-trasferiment tal-klijenti tagħha lil ħaddieħor maż-żmien li fih kien jispiċċa ż-żmien tal-Kuntratt, u mhux tagħmel kollox qabel iż-żmien miftiehem biex b'hekk tippreġudika l-benefiċċju ekonomiku li l-attriċi kellha l-jedd li tippretendi li tirċievi għaż-żmien li matulu kellu jtul il-Kuntratt. Bl-azzjonijiet tagħha, il-konvenut aġixxiet bi ksur tal-Kuntratt bil-għan li tittutela l-interessi finanzjarji tagħha mingħajr ma tat qies lill-

[42] Paġ.12.

interessi tal-attriċi, u b'hekk ġara li hija ma wettqitx il-Kuntratt *in bona fidei* sat-tmiem miftiehem tiegħu.

42. Isegwi minn dan kollu li m'hijiex valida l-kontenzjoni tal-konvenuta li hija onorat il-Kuntratt sakemm intemm fil-25 t'Ottubru 2019, u l-attriċi qed tingħata raġun fil-pretensjoni tagħha li din l-imġieba tal-konvenuta ikkaġunatilha danni.

Ikkunsidrat:

43. Illi jmiss issa li nqisu t-tieni pretensjoni tal-attriċi, li tistrieħ fuq il-premessa li l-konvenuta kisret il-patt li bih intrabtet li tagħti jedd tal-ewwel rifjut lill-kumpanija Vodafone Malta Limited.

44. Il-patt kontrattwali relattiv diġà ġie riprodott aktar kmieni f'din is-sentenza. Huwa evidenti mill-kontenut tiegħu li dan il-patt huwa stipulazzjoni favur terzi, la darba d-dritt tal-ewwel rifjut kien qed jiġi maħluq favur Vodafone Malta Limited li ma kinitx parti fil-Kuntratt. Din ix-xorta ta' stipulazzjoni hija kontemplata fil-liġi tagħna taħt l-artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk:

> Wieħed jista' wkoll jikkuntratta għall-vantaġġ ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jagħmel għalih innifsu, jew ta' donazzjoni jew ta' konċessjoni magħmula minnu lil ħaddieħor; u l-persuna li tagħmel dan il-patt ma tistax tħassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih.

45. Il-kunċett tal-istipulazzjoni favur terzi f'kuntratt huwa kunċett li kien diskuss u dibattut mhux ftit fid-duttrina legali. Essenzjalment u antikament, id-dritt ruman kien jeskludi l-validità ta' stipulazzjoni bħal dik, abbażi tal-prinċipju li *alteri stipulare nemo potest*. Il-ħsieb oriġinali kien li ħadd ma jista' jagħmel stipulazzjoni li fiha m'għandux interess personali, għaliex l-azzjoni biex dik l-istipulazzjoni tiġi mwettqa ma tkunx tista' tittieħed proprju minħabba n-nuqqas ta' dak l-interess. Din ir-regola maż-żmien bdiet però tiġi temperata. Kif jispjega ***Giorgi*** fit-trattat maġistrali tiegħu, *La Teoria delle Obbligazioni* (Vol.III, §413), id-dritt ruman evolva b'mod li beda jippermetti stipulazzjonijiet favur terzi, f'ċerti ċirkostanzi. L-ewwel ċirkostanza kienet fejn l-istipulant ikun rappreżentant taċitu tat-terz, per eżempju jkun skjav jew iben taħt il-

potestà tal-missier[43]. It-tieni ċirkostanzi kienet fejn it-terz ikun kreditur, anke eventwali, tal-istipulant, u l-istipulazzjoni ssir sabiex l-istipulant jeħles mill-obbligazzjoni tiegħu versu t-terz[44]. It-tielet ċirkostanzi kienet fejn l-istipulant joħloq jew jikkostitwixxi interess personali fl-istipulazzjoni favur it-terz, bħal per eżempju fejn l-inadempiment ta' dik l-istipulazzjoni ġġib penali favur l-istipulant[45].

46. Meta wasal iż-żmien tal-kodifikazzjoni tal-liġijiet ċivili, u b'mod partikolari fi Franza, ir-redatturi tal-Kodiċi Napoljoniku, kif għamlu f'bosta materji oħra, segwew it-tagħlim tal-ġurista ***Pothier*** dwar din il-materja, li kkummenta hekk: «*Dare ad un terzo, far qualche cosa per un terzo, e generalmente tutto ciò che non concerne il personale interesse dello stipulante, non può in verità esser l'oggetto di un contratto; ma ciò può benissimo esser* in conditione aut in modo»[46]. Huwa evidenti li dan it-tagħlim ġie segwit mhux biss mir-redatturi tal-Kodiċi Napoljoniku, imma anke mid-diversi kodiċijiet oħrajn kontinentali li saru sussegwentement, inkluż il-Kodiċi tagħna.

47. Fi kliem ***Baudry Lacantinerie*** u ***Barde***, fil-kumment tagħhom għall-artikolu 1121 tal-Kodiċi Napoljoniku (li jikkorrispondi għall-artikolu 1000 tal-Kodiċi tagħna): «*Ora quando l'art. 1121 parla di «stipulazione che si far per se stessi», la parola stipulazione prende l'ultimo significato. Cosi, perchè la stipulazione inserita a favore di un terzo in un contratto a titolo oneroso sia valida, basta che in questo contratto, all'infuori della stipulazione per altri, lo stipulante si obblighi; non è affatto necessario che una prestazione debbe essere compiuta in suo profitto*»[47]. Awtur ieħor, f'kitba dedikata esklussivament għall-kunċett taħt eżami, jispjega li, «*Le ragioni che si adducono a giustificare codeste eccezioni ammesse contro la regola generale dell'art.1119 consistono e si riassumono principalmente in ciò che lo stipulante ha un interesse pecuniario suo proprio e particolare allo adempimento della modalità apposta alla stipulazione ch'egli ha fatto per sè o della donazione che ha fatta al promittente, interesse pecuniario il quale fa si ch'egli possa, in caso di inadempimento, chiedere la risoluzione del contratto*»[48].

---

[43] §4, Inst. *de inut. stip.* (III, 20); LL.38, §17, 39, 40, D. *de v. o.* (XLV,1).
[44] §20, Inst. *eod,;* L.38, §23, 56, §2; 141.
[45] §19, Inst. *de inut. stip.* (III, 19); L.38, §17, D. *de v. o.* (XLV,1).
[46] Trattato delle Obbligazioni, §70.
[47] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Obbligazioni, Vol.I, §148.
[48] L Tartufari, Dei Contratti a favore di Terzi (1889), §38.

48. Għalhekk il-qagħda ġuridika inbidlet minn kif kienet riżultanti antikament, b'mod li taħt is-sistema tal-Kodiċijiet, l-istipulazzjonijiet favur terzi bdew jiġu ammessi, diment li dik l-istipulazzjoni tkun kondizzjoni jew mod ta' patt magħmul mill-istipulant favur tiegħu. Fil-każ fl-ispeċi, l-istipulazzjoni magħmula mill-kontendenti favur Vodafone Malta Limited kienet tissodisfa l-interess tal-attriċi li tonora l-istipulazzjonijiet magħmula minnha stess direttament mal-imsemmija kumpanija – interess dan li wkoll huwa ta' xorta pekunjarju billi kieku l-patt ma sarx, l-attriċi kienet titqies inadempjenti fl-obbligazzjonijiet tagħha versu Vodafone Malta Limited, bil-konsegwenzi kollha li dak l-inadempiment iġib miegħu.

49. Stabbilita l-ammissibilità ta' stipulazzjonijiet favur terzi, imiss li wieħed jara min ikollu interess li jaġixxi dwar il-ksur ta' dik l-istipulazzjoni kemm-il darba l-kontenut tagħha jiġi vjolat.

50. Il-liġi, id-duttrina u l-ġurisprudenza lkoll jgħidu li t-terz għandu dak l-interess.

51. L-artikolu 1000 tal-Kodiċi tagħna bl-aktar kliem ċar u komprensibbli jispjega illi fejn it-terz jiddikjara li jrid jinqeda bil-patt magħmul favur tiegħu, dak il-patt ma jistgħax jiġi revokat. Li jfisser li dak il-patt ikun vinkolanti fuq min għamlu, u tali vinkolu jnissel dritt t'azzjoni favur l-istess terz. ***Tartufari*** jispjega li, «*L'accettazione del terzo non è sottoposta a veruna formalità, e non è neppure necessario che sia espressa, potendo anche indursi dai fatti e dalle circostanze, ogni qualvolta risulti dimostrata da parte del terzo stesso la volontà di approfittare della stipulazione a suo favore*»[49]. Ikompli jispjega l-istess awtur li, «... *l'accettazione del terzo non fa nascere a suo favore un diritto personale ad esigere l'adempimento della stipulazione, ma dà luogo ad un secondo contratto fra lo stipulante e il terzo, contratto che viene ad avere un'esistenza propria ed entro certi limiti indipendente dal contratto principale, di cui non può quindi considerarsi come una semplice modalità*»[50]. ***Giorgi*** wkoll jagħraf l-interess u l-jedd

[49] Loc cit, §40. F'dan is-sens, issir riferenza wkoll għad-deċiżjoni ***Karmenu Mifsud vs. Mariano D'Amato*** (Appell Inferjuri, 15 ta' Novembru 2006).
[50] Loc cit, §39.

tat-terz: «*Quanto al terzo, non vi può essere dubbio, che egli pure abbia un'azione corrispondente al diritto che le parti vollero conferirgli*»[51].

52. Il-ġurisprudenza tal-qrati taljani hija konformi mat-tagħlim fuq espress. Il-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Turin, fil-kawża ***Musso v. Bongiovanni*** (13 ta' Lulju 1906) irriteniet illi: «*Il terzo a cui favore la stipulazione fu fatta, qualora l'abbia accettata, ha azione diretta contro il promittente per constringerlo all'adempimento del suo obbligo*». Hekk ukoll, il-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Palermo, fil-kawża ***Cavarretta v. LaScala*** (21 ta' Settembru 1895) osservat: «*Il terzo in favore del quale fu fatta una stipulazione ha diritto di valersene* jure proprio*, tanto in via d'azione, quanto in via d'eccezione, come se vi vosse intervenuto, voltachè abbia dichiarato di volerne approfittare*»[52].

53. Tqum id-domanda allura jekk il-kontraent l-ieħor (f'dan il-każ l-attriċi) għandhiex drittijiet naxxenti mill-vjolazzjoni tal-istipulazzjoni favur it-terz. ***Giorgi*** jwieġeb fl-affermattiv: «*Quanto si è allo stipulante, un'azione gli spetta sempre; ... Egli potrà pretendere ora la penale, ora il risarcimento del danno, se il promittente non eseguisce per sua colpa ciò che dovrebbe fare in vantaggio del terzo, secondo che tale esecuzione sia tuttora possibile, o divenuta impossibile dia luogo alla riparazione. Anchè potrà esercitare l'azione di risoluzione o la revoca secondo la natura del contratto, quando non si vi opponga il diritto già quesito del terzo*»[53]. Huwa tal-istess fehma wkoll ***Tartufari***, li josserva wkoll akkuratament:

> Per quanto poi concerne la stipulazione a favore del terzo in sè considerata, è da notare che il diritto che ne deriva ha un diverso oggetto, secondochè la si riguardi in ordine al terzo stesso o in ordine al promissario: in ordine al terzo tale oggetto consiste in ciò che forma la materia e il contenuto della prestazione stipulata, per esempio nella somma da pagarsi al beneficiario dalla Compagnia assicuratrice, o nella pensione da corrispondersi al creditore della rendita vitalizia; in ordine all'promissario invece l'oggetto del suo diritto consiste nell'adempimento di tale prestazione. Dalla quale differenza consegue che, mantre al diritto del terzo può ugualmente corrispondere, da parte del promittente, cosi una obbligazione di *dare* come un'obbligazione di *fare*, a seconda di ciò a favor suo fu stipulato, al diritto del

[51] Loc cit, §421.
[52] ***Fadda***, Raccolta di Giurisprudenza sul Codice Civile, Art.1128, §119, 120.
[53] Op cit, §420.

> promissario per contro corrisponde sempre ed esclusivamente un'obbligazione di *fare*.[54]

54. Minn dan isegwi li l-interess tal-attriċi fil-patt taħt eżami mhux l-istess interess li għandha Vodafone Malta Limited. Filwaqt li Vodafone Malta Limited għandha jedd tippretendi t-twettiq tal-kontenut sostantiv tal-patt assunt favur tagħha (i.e. li tingħata d-dritt tal-ewwel rifjut biex b'hekk tużufruwixxi ruħha minnu), l-interess tal-attriċi huwa kostitwit biss mill-fatt li l-konvenuta tadempixxi dak il-patt. Fi kliem ieħor, l-interess tal-attriċi jispiċċa jekk it-terz jaċċetta l-adempiment min-naħa tal-konvenuta, anki fejn dak l-adempiment ma jkunx eżatt fit-twettiq tiegħu.

55. Fil-fatt il-provi juru li għalkemm bejn il-kontendenti kien hemm battibekk rigward it-tagħrif li l-konvenuta kellha jew ma kellhiex tagħti sabiex Vodafone Malta Limited tkun f'qagħda li teżerċita d-dritt tal-ewwel rifjut pattwit favur tagħha, din id-disputa ġiet sorpassata għaliex Vodafone Malta Limited għamlet l-offerta tagħha lill-konvenuta, li rrifjutata kif kellha l-jedd li tagħmel.

56. S'hemmhekk, allura, l-interess tal-attriċi fil-patt favur it-terz għandu jitqies sodisfatt, billi l-interess tat-terz ukoll kien sodisfatt.

57. Il-kwistjoni tqum fir-rigward tal-eżerċizzju tat-tieni parti tad-dritt tal-ewwel rifjut in kwistjoni. Il-ftehim kien li r-rifjut tal-offerta magħmula lill-konvenuta minn Vodafone Malta Limited kien jiftaħ it-triq lill-konvenuta biex tiftiehem ma' terzi dwar it-trasferiment tal-azjenda tagħha, kompriża l-klijentela tagħha. Biss il-ftehim kien jimponi wkoll li l-konvenuta ma tikkonkludix mat-terzi li tkun qed tinnegozja magħhom qabel ma tagħti l-opportunità lil Vodafone Malta Limited li tqabbel l-offerta ta' dawn it-terzi. Sa hawn, il-konvenut jidher li ottemporat ruħha mal-ftehim.

58. Jidher li Vodafone Malta Limited tilfet l-interess u ma riditx tqabbel l-offerta magħmula lill-konvenuta. Ġara però li Vodafone Malta Limited "assenjat" id-dritt tagħha għall-ewwel rifjut lill-attriċi, li ippruvat teżerċitah. Il-konvenuta m'aċċettatx din l-assenjazzjoni u pproċediet biex tikkonkludi ma' ħaddieħor it-trasferiment tal-klijenti tagħha.

---

[54] Op cit, §124.

59. L-attriċi tankra l-pretensjonijiet tagħha maċ-ċessjoni magħmula lilha minn Vodafone Malta Limited. Ċessjoni li skont l-artikolu 1470(1) tal-Kodiċi Ċivili għandha tkun bil-kitba. Il-ħtieġa tal-kitba hija mposta mil-liġi *ad validatem*, u mhux sempliċiment *ad probationem*.

60. Kif ġie sewwa osservat fid-deċiżjoni ***Carmelo Grima vs. Giuseppe Caruana*** (Appelli Kummerċjali, 28 t'Ottubru 1935)[55] biex kuntratt ta' ċessjoni jkun perfezzjonat: «*...huwa biżżejjed li jkun hemm konvenzjoni fuq il-kreditu ċedut u fuq il-prezz, u l-proprjetà jakkwistaha ċ-ċessjonarju f'dak il-mument stess...*». Għal din il-Qorti, l-elementi neċessarji li jipperfezzjonaw il-kuntratt ta' ċessjoni (jew assenjazzjoni kif issejjaħlu l-attriċi) jridu però jirriżultaw bil-miktub.

61. L-attriċi tgħid li ċ-ċessjoni tirriżulta bil-miktub u tagħmel riferenza għall-ittra mibgħuta minn Vodafone Malta Limited lilha fit-3 ta' Diċembru 2018. Iżda għall-Qorti din l-ittra b'ebda mod ma tissodisfa l-ħtiġiet imposti mill-artikolu 1470(1) tal-Kodiċi Ċivili. Minn din l-ittra hija nieqsa għal kollox kull manifestazzjoni tal-kunsens u tal-aċċettazzjoni tal-attriċi għaċ-ċessjoni tad-dritt *de quo agitur* – kunsens u aċċettazzjoni li loġikament ukoll kellhom jiġu manifestati u espressi bil-kitba.

62. Il-Qorti jidhrilha li huwa applikabbli t-tagħlim magħmul fid-deċiżjoni ***Joseph Baldacchino et noe vs. Carmelo sive Charlie Camilleri et*** (Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 1998)[56]:

> Hu sewwa li jiġu evitati l-formaliżmi żejda u li wieħed imur direttament għas-sustanza tal-kuntratt li suppost ġie perfett. Però dik is-sustanza trid tirriżulta b'mod ċar mill-iskrittura għaliex il-liġi tesiġi l-kitba mhux sempliċement bħala ndikazzjoni tal-volontà tal-kontraenti, imma bħala espressjoni tal-volontà tal-kontraenti u tal-ftehim u tesiġi r-reġistrazzjoni materjali tagħha bil-kitba proprju biex, kemm jista' jkun, tevita li jkun hemm lok ta' nċertezza u dubbju dwar dak li jkun ġie miftiehem u konsegwentement il-bżonn ta' interpretazzjoni bbażata fuq provi li ma jirriżultawx mill-kitba.

[55] Kollezz. Vol.XXIX.i.1303.
[56] Kollezz. Vol.LXXXII.ii.913.

63. Għalkemm dak appena espost kien kunsidrat fil-kuntest ta' konvenju ta' bejgħ-u-xiri, jgħodd ugwalment għall-każ odjern billi fiż-żewġ istanzi l-liġi teżiġi l-kitba bħala kondizzjoni għall-validità sostanzjali tal-konvenzjoni. Dan għalhekk ifisser li l-attriċi, fit-3 ta' Diċembru 2018, ma kellha ebda ċessjoni valida favur tagħha u b'hekk ma kellha ebda jedd li tippretendi li teżerċita hi, minflok Vodafone Malta Limited, id-dritt tal-ewwel rifjut in kwistjoni.

64. Għalhekk din il-pretensjoni tal-attriċi qed tiġi riġettata.

Ikkunsidrat:

65. Illi jonqos biss għalhekk li jiġu kkunsidrati d-danni mġarrbin mill-attriċi b'konsegwenza tal-ksur tal-kuntratt li l-Qorti sabet li ġie mwettaq min-naħa tal-konvenuta. Danni li jridu jiġu kalkolati skont dak li jipprovdu l-artikoli 1135, 1136 u 1137 tal-Kodiċi Ċivili.

66. Kif diġà ngħad aktar qabel, il-Qorti sabet li l-ksur tal-kuntratt imwettaq mill-konvenuta wassal għall-waqfien prematur tal-qligħ li kellha tagħmel l-attriċi. Fil-fatt, il-provi juru li l-konvenuta waqqfet l-operazzjoni tagħha mal-attriċi fl-aħħar ta' Marzu 2019, filwaqt li l-Kuntratt kellu jintemm fil-25 t'Ottubru 2019, ċjoè seba' xhur wara. Għalhekk il-konvenuta tellfet lill-attriċi seba' xhur qligħ.

67. Il-konvenuta però tgħid, u ressqet provi dokumentarji li juru, li hija baqgħet tħallas l-ammonti fissi li kienu dovuti lill-attriċi. Dan ma ġiex kontradett mill-attriċi, li ma ressqitx prova biex tirribatti l-ħlasijiet li l-konvenuta tgħid li għamlet. Dan għalhekk ifisser li l-qligħ li l-attriċi ġiet imtellfa kien biss dak imsejjaħ varjabbli aktar kmieni f'din is-sentenza. Mill-prospett li jinsab inserit a folio 752 jirriżulta li l-ammont ta' €189,811 pretiż mill-attriċi:

   a. ikopri ħdax-il xahar;
   b. jinkludi kemm spejjeż varjabbli u kemm fissi;
   c. fih tnaqqis tal-ammonti li l-attriċi tgħid li ġabret mingħand il-konvenuta (murija bil-kulur blu);

d. ma jaqbilx mal-ammonti ndikati minn Christian Briffa (il-persuna li wkoll ħejja l-prospett) mar-rendikonti mibgħuta minnu lill-konvenuta fis-7 t'Awwissu 2019 (fol.852) u fl-10 ta' Settembru 2019 (fol.854).

68. Il-Qorti ma ssibx li tista' taċċetta l-pretensjoni tal-attriċi għal telf ta' qligħ fuq medda ta' ħdax-il xahar. Il-konvenuta kellha dritt, matul il-perijodu ta' validità tal-kuntratt, tnaqqas l-operazzjonijiet tagħha in antiċipazzjoni tat-terminazzjoni. Fejn naqset il-konvenuta huwa li ma kkordinatx it-tnaqqis tal-operazzjonijiet tagħha mal-iskadenza tal-Kuntratt. B'hekk, it-telf li ġarrbet l-attriċi huwa limitat għall-perijodu ta' seba' xhur imsemmi aktar kmieni, u mhux aktar minn hekk.

69. Il-Qorti jidhrilha li l-medja maħduma mill-attriċi fuq ix-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2018 huwa metodu tajjeb kif wieħed jasal, fuq bilanċ ta' probabbiltà, għall-qligħ li l-attriċi kienet qed tagħmel bis-saħħa tal-Kuntratt. Huwa minnu li l-ammonti varjabbli li kienu jitħallsu kienu jvarjaw minn xahar għall-ieħor. Il-Qorti tifhem ukoll illi l-klijentela tal-konvenuta kienet qed tonqos kull ma jmur, iżda dak it-tnaqqis ma kienx tali li jġib fix-xejn id-dħul varjabbli tal-attriċi.

70. Kif diġà ngħad, l-ammonti indikati fil-prospett aħħari tal-attriċi (fol.752) ma jaqblux mar-rendikonti ndikati fl-ittri elettroniċi li kienu ntbagħtu mill-istess Christian Briffa lill-konvenuta. Skont ir-rendikont mibgħut fl-10 ta' Settembru 2019 (fol.854), għax-xahar ta' Jannar 2019 l-attriċi ffatturat kumplessivament €37,797.50. Dan l-ammont tħallas mill-konvenuta. Skont il-prospett, huwa indikat bħala «actuals» (u ċjoè dak effettivament fatturat) l-ammont ta' €21,398. Hemm ukoll figuri oħrajn li ma jaqblux.

71. Il-Qorti tifhem li l-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tad-danni qatt ma jista' jkun xjenza eżatta, u huwa neċessarjament dipendenti fuq numru ta' assunzjonijiet u konġetturi li għandhom ikunu radikati fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet. Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Avukat Dottor Tonio Azzopardi vs. Olaf A. Cini*** (Prim'Awla, 15 t'Ottubru 2003): «*In propositu għall-komputazzjoni tad-danni l-Qorti tirrileva li huwa d-dover tagħha li tħares kemm l-interessi tad-danneġġjat kif ukoll dawk tad-danneġġjant u tasal għall-ammont li jirrappreżenta bilanċ ekwu u ġust bejn iż-żewġ interessi; iżda, l-ammont għandhu dejjem ikun bażat fuq provi konkreti u ċari li juru b'mod dettaljat u sodisfaċenti d-damnum emergens konsistenti telf finanzjarju attwalment soffert mid-*

*danneġġjat rizultat tal-aġir illegali tad-danneġġjant li minn naħa tiegħu għandu d-dritt jkun jaf fuq liema kriterji finanzjarji hija bażata s-somma li ser ikun obbligat jħallas*». Fil-każ odjern, il-Qorti jidhrilha li għandha tillikwida kif ġej:

(i) se tkun qed taħdem il-qligħ mistenni mill-attriċi fuq il-perijodu ta' seba' xhur;

(ii) se tnaqqas l-ammonti li ħallset il-konvenuta skont id-dokumenti eżebiti minn Roberto Francalanza b'riferenza għax-xhur rilevanti;

(iii) se tnaqqas ukoll l-ammonti li l-attriċi kienet obbligata tħallas lil Vodafone Malta Limited, sabiex il-qligħ rimanenti jkun jirrappreżenta dak li l-attriċi kien jibqgħalha tassew f'idejha kieku l-konvenuta ma tterminatx il-Kuntratt b'mod prematur.

72. Il-qligħ prospettat mill-attriċi kull xahar kien ta' €25,499. Għall-perijodu ta' seba' xhur dan l-ammont jiġi €178,493.

73. B'riferenza għax-xhur April sa Ottubru 2019, il-konvenuta ħallset b'kollox €24,678.

74. Mill-fatturi eżebiti mill-attriċi minn fol.756 sa 768, jidher li l-attriċi waqqfet tħallas lil Vodafone Malta Limited f'April 2019. Jekk jittieħed il-medja mħallsa mill-attriċi lil Vodafone Malta Limited għax-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2018, jiġi l-ammont ta' €21,593 fix-xahar[57]. Moltiplikat għal seba' darbiet, iġib €151,151. Għax-xahar t'April 2019, jidher li l-attriċi ħallset €3,995, u għalhekk dan l-ammont ukoll għandu jitnaqqas, inkella jiġi li l-attriċi tkun ħallsitu darbtejn. Dan iġib €147,156.

75. Minn dan kollu jsegwi li l-qligħ gross imtellef lill-attriċi matul ix-xhur t'April sa Ottubru 2019 kien jammonta għal €178,493. Matul l-istess żmien, l-attriċi kienet tħallas lil Vodafone Malta Limited is-somma ta' €147,156, li jfisser li l-qligħ gross imtellef lilha għal dak il-perijodu kien jammonta għal €31,337. Iżda matul l-istess perijodu, il-konvenuta ħallset lill-attriċi €24,678. Dan ifisser li l-attriċi effettivament tilfet is-somma ta' €6,659.

[57] €22,720.19 (fol.761) + €20,304.34 (fol.762) + €21,754.04 (fol.763) /3 = €21,593.

76. Is-somma li waslet għaliha l-Qorti hija ferm u ferm 'il bogħod mill-ammont li kienet qed tippretendi l-attriċi. Ir-raġunijiet ewlenin għal din id-differenza kienu l-fatt li l-attriċi kienet qed tippretendi telf ta' qligħ għall-perijodu itwal minn dak identifikat mill-Qorti. Raġuni aktar importanti kienet dik li l-attriċi, fil-kalkolazzjoni tagħha, qatt ma qieset l-ammonti li hija kien ikollha tħallas lil Vodafone Malta Limited b'rabta mas-servizzi li kienet qed tagħti lill-konvenuta. Dan it-tnaqqis bil-fors irid isir, inkella l-konsegwenza tkun li l-attriċi titqiegħed f'pożizzjoni aħjar minn dik li kienet tkun fiha kieku l-konvenuta qatt ma kisret il-Kuntratt. Dan però ma jista' qatt ikun l-iskop tar-riżarċiment tad-danni. Fi kliem ***Baudry Lacantinerie***: «*Il risarcimento dei danni, qualunque sia la loro fonte, deve mettere colui che ha diritto alla riparazione nella situazione in cui si sarebbe trovato se non avesse subito il pregiudizio*»[58]. F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza tal-Qrati, u riferenza tista' ssir għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Elmo Insurance Agency Limited noe et vs. Martin Saliba***[59], u għall-ġurisprudenza hemmhekk ċitata.

77. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attriċi kif dedotti;

(ii) tiċħad it-tielet talba tal-attriċi billi tqis li r-rimedju li għalih għandha jedd l-attriċi minħabba ksur tal-kuntratt huwa r-riżarċiment tad-danni u mhux il-ħlas tat-tariffi;

(iii) tiċħad ir-raba' talba tal-attriċi;

(iv) tilqa' l-ħames talba u tillikwida d-danni dovuti lill-attriċi mill-konvenuta b'konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel żewġ talbiet tal-attriċi fis-somma ta' sitt elef sitt mija u disgħa u ħamsin Ewro (€6,659);

(v) tilqa' s-sitt talba billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas din is-somma lill-attriċi, bl-imgħax legali dekorribbli mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

[58] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Obbligazioni, Vol.I, §448.
[59] 31 ta' Mejju 2001.

(vi) fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn il-konvenuta nstabet li kisret il-kuntratt filwaqt li l-attriċi għamlet pretensjonijiet eżorbitanti, tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha stess.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur